MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1690/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Abela (ID 1038447M)**
**vs**
**Jamie Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas mill-konvenut li huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' elf mitejn sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tletin centezmi (LM1227.30) liema somma hija dovuta in kwantu ghas-somma ta' elf mujs disa' u sittin Lira Maltin u sebghin centezmu (LM1169.70) lis-socjeta' assikuratrici u s-somma ta' sebgha u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu (LM57.60) lill-attur Philip Abela, rappresentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq vettura bin-numru JBE-854 fit-8 ta' Frar, 2004 gewwa B'Kara habat mall-vettura bin-numru EAA-838 proprjeta' tal-attur Philip Abela u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali datata 23 ta' Gunju, 2004 kontra l-konvenut u tal-parir hmistax il-Lira Maltin (LM15.00) bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra lli t-talba giet prezentata fit-13 ta' Awissu, 2004;

Ra r-risposta tal-konvenut konvenut Jamie Caruana fejn issoleva

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-attur Philip Abela accetta s-somma ta' hamsin Lira Maltin (LM50.00) '*in full and final settlement*' minghand l-konvenut dakinhar stess tal-incident, fuq il-post tal-incident kif ukoll gie espost fl-ittra uffficjali responsiva prezentata kontra s-socjeta' Gasan Mamo Insurance Limited;

2. Illi ghalhekk isegwi li la darba Philip Abela irrinunzja ghal kwalunkwe' dritt li kellu fil-konfront tal-konvenut, is-socjeta' attrici li giet surrogata fid-drittijiet tal-attur Philip Abela wkoll ma jista' jkollha l-ebda pretensjoni fil-konfrot tal-konvenut;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv bil-bosta u ghalhekk huwa wkoll kontestat;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-Ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficijali prezentata kontra s-socjeta' attrici datata Gunju, 2004;

Ra l-attur u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ra x-xhieda ta' Philip Abela, PS 1131 Justin Camilleri, Helen Abela, Jamie Caruana, Joseph Muscat, Max Borg Bonello, Marushka Demicoli, Jamie Caruana.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar kollizjoni bejn zewg vetturi misjuqa mill-assikurat tas-socjeta’ attrici Philip Abela u l-konvenut Jamie Caruana. Illi hemm ammissjoni da parti mill-konvenut li l-htija tal-incident tieghu. Izda l-vertenza bejn il-partijiet hija dwar jekkx l-ammont ta’ hamsin Lira Maltin (LM50.00) mhallsa lill-Philip Abela dak inhar stess tal-incident, fuq il-post tal-incident kienetx ‘*in full and final settlement*’ tad-danni subiti mill-vettura EAA-838 jew le peress illi s-somma ta’ hamsin Lira Maltin (LM50.00) giet accettata minn Philp Abela.

Illi minn naha wahda Philip Abela qal illi huwa kien assikurat ‘ *fully comprehensive’* u li kien accetta il-hamsin Lira Maltin (LM50.00) mill-konvenut sabiex ikun jista’ jhallas l-*excess* tal-assikurazzjoni tieghu u li fil-fatt kien hallas ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) lis-socjeta’ assikuratrici. Il-Konvenut minn naha l-ohra jghid illi il-hlas ta’ hamsin Liri Maltin (LM50.00) kienet saret ghas-saldu tad-danni tal-incident liema saldu kien gie accettat minn Philip Abela.

It-Tribunal jirrilleva li trattandosi ta’ zewg verzjonijiet tal-konvenuti konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u testendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Illi l-incident li sehh kkawza danni konsiderevoli fil-vettura EAA-838 misjuqa minn Philip Abela. Skond ir-rapport tal-Pulizija id-danni subiti fil-vettura EAA-838 kienu fin-naha tal-lemin fuq quddiem tal-vettura fil-mudguard, bumper, headlamp u bonett. Illi skond l-istess Pulizija il-hsara kienet wahda li setghet tissewwa.

Illi fil-fehma tat-Tribunal Philip Abela m’ghandu ebda interess ibiddel il-fatti u jhoss illi l-verzjoni tal-attur hija verosimili.

Illi jidher illi fil-kont tal-parts hemm zewg head lamps imnizzla meta fir-rapport tal-Pulizija hemm headlamp wahda mnizzla u fis-*surveyor report* hemm imnizzel li kien hemm ghaxart ijiem '*loss of use'* tal-vettura sakemm tissewwa.

It-Tribunal jinnota lli skond is-survey report *it-total repairtime* huwa ta' 38.7 sieghat li b'kollox jammontaw ghal hames mija u erbgha u erbghi Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm544.26) rata ta' Lm14 fis-siegha. Lli jekk wiehed jaghmel kalkolu fuq ghaxart ijiem xoghol kif tnizzel fis-survey report hemm medja ta' erba' sieghat xoghol kuljum.

Illi t-Tribunal ihoss illi erbatax-il Lira Maltin fis-siegha bhala labour costs huwa eccessiv.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, fil-fehma tat-tribunal *il-labour cost* huwa eccessiv u ghalhekk it-Tribunal qieghed jirriduci s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghi Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm544.26) *labour costs* b'30% u ghalhekk ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta' mija tlieta u sttin Lira Maltin (LM163.00) It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi *headlamp* wahda fis-somma ta' hamsa u erbghin Lira u ghoxrin centezmi (LM45.20), kif ukoll nofs *l-electrical labour costs* biex titwahhal il-headlamp fis-somma ta' tnejn u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm22.75) kif ukoll l-erbat ijiem zejda kiri ta' karozza li jammontaw ghal tlieta u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (LM23.60) ghandhom jigu mnaqssa.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ammont mitlub fil-konfront ta' Philip Abela u cioe' ta' hamsa u sebghin Liri Maltin u sittin centezmu (LM57.60) mhuwiex dovut mill-konvenut lil Philip Abela peress illi ammont tal-*excess* kien diga mhallas mill-konvenut u ghandhom jigu mnaqqsin mis-somma mitluba.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi limitata fi-somma ta' disa' mija u hmistax-il Lira Maltin u hmistax-il centezmi (LM915.15).

It-Tribunal, fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghal disa' mija u hmistax-il Lira Maltin u hmistax-il centezmi (LM915.15). Ghalhekk it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u hmistax-il Lira Maltin u hmistax-il centezmi (LM915.15) bl-imghaxijiet legali sal pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------